MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 903/1997/1

Vincent Formosa
vs
Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u 15 ta' Mejju 1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja u iktar precizament fl-1988 billi ma nghatax promozzjoni li kien haqqu;

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn:

Illi hu kien impjegat mal-Gvern bhala Junior Foreman fl-1971 u fl-1986 inhatar Technical Officer 1; beda jahdem il-PAPB fl-1976 u dejjem ghamel xogholu sew u bir-reqqa barra milli ghamel diversi korsijiet li kienu relatati max-xoghol tieghu.

Bejn l-1988 u 1991 applika ghal promozzjoni ghal Technical Officer 2 izda kien gie maqbuz minn nies juniors tieghu fl-ordni tal-mertu; fl-1991 kien gie wkoll trasferit mill-PAPB fl-impjant ta' Sant Antnin u floku tpogga min ma kellu ebda esperjenza; ftit wara rega' gie trasferit fit-toroq.

Illi hu kien fi hsiebu jsostni l-ilment tieghu permezz tax-xhieda indikati fl-elenku li jindika wkoll il-fatti li r-rikorrent kien fi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li lir-rikorrent jappuntah Technical Officer 2 u jekk ihoss li mhux possibli, alternattivament jigi kumpensat b'somma li ma teccedix Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie impjegat bhala Junior Tradesman mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mill-10 ta' Novembru 1975. Hu lahaq il-grad ta' Supervisor fit-30 ta' Ottubru 1978. Fl-1 ta' Mejju 1980 hu lahaq il-grad ta' Works Technical Officer, u fil-15 ta' April 1987 lahaq bhala Technical Officer I. Permess tar-Riforma li giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1991, ir-rikorrent kien gie assimilat bhala Senior Technical Officer fi Skala 11 u finalment fi Skala 10 fil-15 ta' April 1992.
Matul 1-impjieg imsemmi, ir-rikorrent gie trasferit kif segwenti:

P. A. P. B. ghal SOLID WASTE REC. PLANT 20/01/91
S. W. R. P. ghal ROADS DEPARTMENT 12/04/91
ROADS ghal BLDG. & ENG. DEPT. 22/07/93

Illi dawn it-trasferimenti ma kienux oppressivi, ma kkagunawx sofferenza ndebita lir-rikorrent u ma kienux il-frott ta' agir appressiv, izda kienu gustifikati mill-principju tal-mobilita` ta' l-impjegati pubblici.

Illi fl-20 ta' Mejju 1988 kienet harget sejha numru 59/88 ghall-applikazzjonijiet ghal grad ta' Technical Officer I u II rispettivament. Ir-rikorrent kien jokkupa l-grad ta' Technical Officer I u ghaldaqstant kien eligibbli biex japplika. Hu applika ghal posizzjoni ta' Technical Officer II fil-kategoriji rispettivi ta' Civil u Mechanical. Abbazi nghata n-numru 5 bhala n-numru ta' riferenza. Sussegwentement, gab 37 marka fil-kategorija ta' Civil u 27 marka fil-kategorija ta' Mechanical.

Illi r-rikorrent naqas li jissodisfa l-kriterji tal-Bord fiz-zewg istanti ghax l-anqas biss irnexxielu jilhaq il-marka pristabbilita ta' 60.

Illi min gab marka ta' 60 jew aktar u allura ghadda izda gab marka anqas minn 70, xorta wahda ma giex promoss.

Illi jirrizulta li fil-kategorija ta' Technical Officer II gew promossi 14-il applikant, cioe' dawk li gabu marka ghola minn 70.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.
Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi dan il-kaz jirrigwarda ilment tar-rikorrent ibbazat fuq il-fatt illi hu fl-1988 ma nghatax il-promozzjoni minn Technical Officer I ghal Technical Officer II. Fil-fatt irrizulta illi r-rikorrent gab 37 marka fil-kategorija tac-Civil u 27 marka fil-kategorija tal-Mechanical meta ghamel l-interview. Il-pass mark kienet 60 u l-cut off line ghall-

promozzjonijiet kienet 70. Fil-fatt kienu gew promossi 14-il applikant, cioe`, dawk li kienu gabu marka ghola minn 70. Ir-rikorrent fir-rikors tieghu semma dan l-ilment, oltre li semma li gie trasferit, pero` fit-talba tar-rikors din tirrigwarda biss il-promozzjoni u ghalhekk it-Tribunal sejjer jezamina l-aspetti importanti dwar il-fatt tal-promozzjoni li qed jilmenta fuqha ta' l-1988.

Ir-rikorrent pprezenta affidavit fejn semma illi hu kien gie mpjegat mal-Gvern bhala Junior Foreman fl-1971 u fl-1986 gie promoss ghall-Technical Officer 1. Kien ilu mal-PAPB mill-1978 u principalment xogholu kien li jinvestiga l-files tal-applikazzjonijiet tal-bini qabel jidhlu quddiem il-Bord imsemmi. Sostna illi xi nies juniors tieghu qabzuh. Semma li fl-1991 bla kliem u bla sliem gie trasferit ghall-impjant ta' Sant Antnin. Sosntna li kawza tat-transfer mid-Dipartiment tal-PAPB tilef il-possibilta` illi jispicca fil-Planning Authority fejn hemm kundizzjonijiet ahjar.

Xehed Anthony Cassar li semma li llum il-gurnata jahdem mal-BICC, Dipartiment taht il-Ministeru tal-Ambjent dejjem il-Building Industry Constructive Council. Semma li jiftakar lir-rikorrent li kien jahdem il-PAPB ghax dak iz-zmien ix-xhud kien is-Segretarju tal-PAPB. Semma li r-rikorrent kien jahdem id-Development Control Section u kienu jahdmu fl-istess bini. Ikkonferma li r-rikorrent kien gie trasferit mill-PAPB, kif ukoll ix-xhud stess u ghalhekk sostnta li kemm hu kif ukoll ir-rikorrent tilfu c-cans li jmorru mal-Planning Authority. Ghalhekk gie affettwat kemm is-salarju kif ukoll il-pensjoni taghhom.

Walter Attard li kien jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fil-kariga ta' Principal ikkonferma l-kontenut tar-risposta.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi bhala provi kull ma hemm huwa dak li ssemma fuq l-ilment tar-rikorrent li hu bbazat fuq il-fatt illi hu fl-1988 ma kienx inghata promozzjoni li kien haqqu. Izda jinghad, illi r-rikorrent la gab break down tal-mod kif hargu l-marki, la gab prova illi dwar seniority hu kien senior ta' dawk illi effettivament saru, izda sempliciment allega illi kien hemm

xi whud juniors tieghu illi fil-fatt saru. Pero` ma pproduca ebda dokument jew xhud dwar dan. Ir-rikorrent l-anqas ma gab prova ta' xi hadd superjuri tieghu u ta' xi applikant illi fil-fatt sar biex dan ighid illi kien aktar jimmerita lir-rikorrent milli l-applikant l-iehor. Fi ftit kliem, ma gab provi ta' xejn biex jiggustifika l-fatt illi hu kien haqqu l-promozzjoni. L-anqas ma gab ebda prova jew xehed hu stess dwar xi kwalifiki kellu.

Minn dan kollu, certament, it-Tribunal ma jistax jasal ghalhekk illi l-allokazzjoni tal-marki kienet xi wahda zbaljata. L-anqas ma gab ebda prova dwar kif kien kompost il-Bord li ddecieda fuq dan l-aspett. Issa r-rikorrent gab 37 marka fil-kategorija tac-Civil u 27 marka fil-kategorija tal-Mechanical meta biex tghaddi wiehed irid 60 marka, u l-cut off line kienet ta' 70 marka.

Ghalhekk assolutament infondata t-talba tar-rikorrent ghax b'ebda mod ma jidher li dan seta' akkwista jew kien haqqu li jiehu ghall-inqas fil-kategorija tac-Civil 33 marka ohra.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.